MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2004

Talba Numru. 303/2004

**Avviz Numru 303/04AJD**

**John Patrick u Mary Carmen mizzewgin Hayman, Christopher Hayman u Raymond Pickard f'ismu propju u bhala legittmu rapprezentant ta' bintu minuri Elaine**

**vs**

**Noel Farrugia**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-5 ta' Frar 2004 fejn gie premess illi l-konvenut huwa debitur fl-ammont ta' disa' mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm961.00) liema somma jirrapprezenta drittijiet professjonali dovuti lin-

Nutar Dottor John Patrick Hayman in konnessjoni ma' kuntratt li gie ppublikat mill-istess mibki Nutar fit-28 ta' Settembru, 2000 (Ins 15077/00), li l-konvenut gie nterpellat diversi drabi sabiex ihallas dan l-ammont u minkejja li obbliga ruhu li ser ihallas dak dovut minnu, ghadu sal-llum inadempjenti u li l-atturi huma l-eredi tan-Nutar John Patrick Hayman. L-atturi ghalhekk talbu
Li ghar-ragunijiet premessi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallashom is-somma ta' disgha mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm961.00).
Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali.

It-Tribunal ha konjizzjoni tan-Nota ta' prezentata mill-atturi, fil-5 ta' Marzu 2003, fejn huma rriducew l-ammont mitlub fl-Avviz tat-Talba b'mitt lira Maltin (Lm100.00).

Ra n-nota prezentata mill-konvenut fis-seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2003 fejn huwa ammetta t-talbiet attrici kif ridotti.

Ghaldaqstant, fuq ammissjoni, it-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici kif ridotti u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-atturi is-somma ta' tmien mija u wiehed u sittin lira Maltin (Lm861.00) bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjez ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------